MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 271/2012

**Bank of Valletta plc**
**(C 2833)**

**vs**

**Mario Farrugia**
**(ID 241461 M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Awwissu 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hames t’elef, seba mija u wiehed Ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€5,701.27) rapprezentanti bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” 40018126208 maghmul mal-Bank attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-5 ta’ Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-konvenut fid-29 t’Awwissu 2012, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata 30 ta’ Awwissu 2012 (fol 15 tergo).

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Settembru 2012 deher il-konvenut li pprezenta u qara nota ta’ ammissjoni tieghu tat-talba kif dedotta u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-konvenut, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames t’elef, seba mija u wiehed Ewro, sebgha u ghoxrin centezmu (€5,701.27) rapprezentanti bilanc ta’ debitu ta’ “Loan Account” 40018126208 maghmul mal-Bank attur ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------